# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2021

**Rikors Numru : 245/2020 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**GP**

**Vs**

**EP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GP datat 4 ta' Awissu 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Frar 1974 u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-numru progressiv 552/1974: Dok 'A'.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt (2) itfal: G u M li illum huma maggiorenni.*

*Illi illum l-partijiet legalment separati u dan bis-sahha tal-kuntratt ta' separazzjoni ta l-ewwel (1) ta' Frar 2016 bil-kundizzjonijiet hemm indikati liema kuntratt kien gie pubblikat minn Nutar Dottor Elisa Falzon: Dok 'B'.*

*Illi m'hemmx possibilita ragjonevoli li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet qed jghixu hajja separati w indipendenti minn xulxin.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta EP datata 30 ta' Settembru 2020, a fol 15, li taqra hekk:

1) *Illi l-esponenti taqbel u tikkonferma li hi u zewgha kienu isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali pubblikat minn Nutar Elisa Falzon li jgib id-data tal-ewwel (1) ta' Frar 2016 (kopja ta' liema kuntratt huwa anness mar-rikord odjern immarkat bhala Dok 'B' u li ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin;*

2) *Illi l-esponenti taqbel ukoll li ma hemm l-ebda possibbilita li jkun hemm rikonciljazzjoni bejniethom;*

3) *Illi l-esponenti tiddikjara wkoll li hlief ghaz-zidiet kull sena skond l-inidci tal-gholi tal-hajja, ir-rikorrenti qieghed jhallasha l-manteniment skond il-klawzola numru seba (7) tal-kuntratt Dok 'B' surreferit, u li ghalhekk l-unika pendenza li hemm bejn il-partijiet dwar manteniment hija dik fir-rigward ta tali zidiet li r-rikorrenti jhallas lill-esponenti;*

4) *Illi madanakollu l-ispejjez relattivi ghal proceduri odjerni ghandhom jigi sapportati mir-rikorrenti u dan stanti li l-esponenti ma ikkommettiet l-ebda nuqqas fin-nuqqas fil-konfront ta' zewgha u ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex l-esponenti ghandha tigi kundanata thallas xi spejjez relattivi ghal proceduri istitwiti mir-rikorrenti kontra taghha;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm bzonn.*

Rat illi f'seduta stante tas-26 ta' Novembru 2020, l-attrici infurmat lill-Qorti illi l-eccezzjoni tal-manteniment pendenti giet sollevata dana peress li l-attur ghadda cheque a saldo taz-zidiet tal-gholi tal-hajja. (vide fol 16);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**EP xehdet** (vide affidavit Dok EP1 a fol 17 et seqq.) illi hi zzewwget lil GP nhar id-19 ta' Frar 1974 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggorenni. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-1 ta' Frar 2016, fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon. Ikkonfermat di piu' illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni. Finalment iddikjarat illi l-ilment li kien hemm fuq pendenza taz-zidiet fil-manteniment skond l-gholi tal-hajja, giet sorvolata u b'hekk ma ghadx hemm manteniment dovut.

**GP xehed** (vide affidavit a fol 21) fejn ikkonferma u kkollabora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju***

***ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-19 ta' Frar 1974 (liema zwieg jgib certifkat numru 552/1974, vide certifikat taz-zwieg Dok A, a fol 4). Minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt ulied, illum maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elisa Falzon datat l-1 ta' Frar 2016 (vide kuntratt ta' separazzjoni a fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma ghadx hemm pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi

sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 552/1974 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**